# INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

## Informazzjoni mibgħuta mill-Ungerija dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2010/35/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(2011/C 304/06)

Skont l-Artikolu 34 tad-Direttiva 2010/35/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2010 dwar apparat ta' pressjoni li jista' jinġarr, l-Ungerija għarrfet lill-Kummissjoni li:

— l-Ungerija se tapplika d-dispożizzjoni tranżitorja 1 tal-Anness II tad-Direttiva 2010/35/UE,

— il-kodiċi tal-kulur applikabbli fi ħdan it-territorju tal-Ungerija għall-apparat tal-pressjoni li jista' jinġarr huwa stipulat fid-Digriet Nru 14/1998 tal-Ministeru tal-Ekonomija tas-27 ta' Novembru 1998 dwar ir-regolamenti tas-sigurtà għaċ-ċilindri tal-gass.

## Informazzjoni kkomunikata mill-Istati Membri dwar l-għeluq tas-sajd

(2011/C 304/07)

F'konformità mal-Artikolu 35(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd ([1]), ittieħdet deċiżjoni biex is-sajd jingħalaq kif deskritt fit-tabella ta' hawn taħt:

| | |
|---|---|
| Data u ħin tal-għeluq | 5.9.2011 |
| Tul ta' żmien | 5.9.2011-31.12.2011 |
| Stat Membru | Il-Portugall |
| Stokk jew Grupp ta' stokkijiet | BUM/ATLANT |
| Speċi | Marlin blu (*Makaira nigricans*) |
| Żona | L-Oċean Atlantiku |
| Tip(i) ta' bastimenti tas-sajd | — |
| Numru ta' referenza | — |

Ħolqa elettronika għad-deċiżjoni tal-Istat Membru:

http://ec.europa.eu/fisheries/cfp/fishing_rules/tacs/index_mt.htm

([1]) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.